# Venerabbli Adelaide Cini

Dennis Caruana
P.R.O. tas-Santwarju

Matul dawn l-aħħar snin f'kull ħarġa tal-programm tal-festa, qed insemmu qaddisin li għalkemm qatt ma kienu jagħmlu parti mill-Ordni Karmelitan, bħala patrijiet u sorijiet, imma d-devozzjoni li kellhom lejn il-Madonna tal-Karmnu, spikkat fil-ħajja tagħhom, u mhux biss imma permezz tal-ħajja, u l-eżempji tagħhom, komplew saħħew id-devozzjoni Marjana Karmelitana.

Hawn Malta, nistgħu ngħidu bla tlaqliq, li l-Knisja għandha nies magħrufa bħala qaddisin, li għalkemm forsi għadu ma laħqux b'mod uffiċċjali l-grad tagħhom fil-Knisja, imma permezz tal-ħajja tagħhom iddistingwew ruħhom minn oħrajn.



Matul is-sena wara nuqqas ta' tliet snin, twaħħal fil-kor il-kwadru mirakoluż u inkurunat tal-Madonna tal-Karmnu, li nistgħu ngħidu minn dejjem kien dak l-għajn ta' ilma ġieri li ġibed tant erwieħ tajba biex jersqu f'riġlejn il-Madonna. Fattur ieħor importanti huwa l-fatt li kważi l-Beati Maltin, u dawk l-erwieħ tajba Maltin, li jekk hija r-rieda tal-Mulej jiġu glorifikati fuq l-altari tagħna, twieldu viċin dan is-Santwarju, jew kellhom xi konnessjoni ma' dan is-Santwarju.

Hekk insibu l-Beatu Ġorġ Preca, li twieled fi Triq il-Punent, it-triq tal-kunvent, li mhux biss huwa stess jistqarr li kien intervent tal-Madonna tal-Karmnu, nhar is-16 ta' Lulju meta darba kien se jegħreq f'Marsamxett, imma ħeġġeġ ukoll lill-membri ta' Soċjetà nisranija, li kien waqqaf biex ikunu devoti tal-Madonna, u jkunu appostli tal-Labtu tal-Karmnu.

Il-Beatu Nazju Falzon, li twieled fi Triq id-Dejqa, li mhux biss tnisslet fih devozzjoni lejn il-Labtu mqaddes, imma wkoll dawk il-baħrin Ingliżi wara li kien jagħllimhom il-Katekiżmu, kien iressaqhom għall-magħmudija, u mal-ewwel kien jiktibhom fil-Labtu tal-Karmnu.

Nistgħu nsemmu wkoll il-qaddej ta' Alla Fra Diegu Bonanno, li għalkemm twieled ftit 'il bogħod minn dan is-Santwarju, fi Triq it-Tramuntana, imma jistqarr huwa stess li sa minn ċkunitu, kien midħla tal-Karmelitani, tant li daħal bħala abbati f'dan is-Santwarju, u aktar tard ikompli jgħid, li ħass is-sejħa waqt li kien jgħin lis-saċerdot biex jingħaqad fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri. Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu li spikkat fil-ħajja ta' tant erwieħ tajba, kienet ukoll marbuta ma' Mons. Isidor Formosa, li twieled fi Triq l-Ifran il-Belt, u li aktar tard ħadem ħafna biex waqqaf orfanatrofji għat-tfal iltiema, magħrufa llum bħala l-*creche* ta' l-Ursolini, li għandna wieħed ukoll il-Belt, ħdejn dan is-Santwarju fi Triq Marsamxett.

F'din il-ħarġa xtaqt naqsam ftit ħsibijiet tiegħi miegħek li qed taqra, dwar ruħ tajba oħra li spikkat fil-Knisja Maltija, il-Venerabbli Adelaide Cini. Min kienet il-Venerabbli Adelaide Cini?

Adelaide Cini twieldet f'Malta bint Michele Cini u Carmela Galea, ġenituri leġitimi tagħha nhar is-26 ta' Ottubru 1838, fi Triq Zekka, u ġiet mgħammda l-għada stess fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo. Il-ġenituri tagħha kienu kummerċjanti onesti, u missierha saħansitra kellu fabbrika ta' dqiq fi Triq San Ġużepp il-Ħamrun. L-ewwel edukazzjoni nisranija ħaditha mingħand ommha stess li bdiet tifformaha fil-fidi Kristjana.

Ommha kienet teħodha magħha l-quddies, u l-funzjonijiet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu mhux 'il bogħod mid-dar tagħha, u nistgħu ngħidu li sa mill-bidu tnisslet fiha d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu. Mhux biss imma nsibu miktub fil-ħajja tagħha, li ta' kull filgħaxija kienet titlob bil-kurunella tal-Madonna tal-Karmnu. Aktar tard meta kibret fl-età ġara, li l-familja tagħha mxew minn Triq Zekka l-Belt lejn Santa Venera, imma nistgħu ngħidu li x-xogħol li għamlet fost l-aktar imwarrbin ta' soċjetà, kien dovut lilha mill-imħabba li dejjem kellha lejn Alla, u lejn il-Madonna. Għalhekk mhux ta' b'xejn kienu laqqmuha l-qaddisa ż-żgħira. L-akbar xhieda ħajja tagħha li hawn Malta, għadu bla dubju ta' xejn l-istitut ta' Cini f'Santa Venera.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu minn dan

is-Santwarju tagħha fil-Belt Valletta, minn żmien għall-ieħor tagħti dawn l-erwieħ tajba hawn Malta, biex hekk mhux biss ikunu ta' eżempju għalina, imma biex lilna wkoll jimpenjawna iżjed fis-soċjetà tagħna ta' llum, ħalli l-prattika tar-reliġjon u d-devozzjoni li għandu jkollna lejn il-Madonna tal-Karmnu ma tkunx biss mibnija bil-kliem biss, imma tkompli tagħti l-frott spiritwali mixtieq f'dan iż-żmien ta' llum.

J'Alla l-ġurnata tas-16 ta' Lulju, jum il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, tkun għalina ta' tiġdid spiritwali biex tkompli theġġeġ fina dik l-imħabba, li ta' qabilna kellhom lejn il-verġni Marija inkurunata bħall-omm u Sultana tal-Karmelu, li kuljum tkun tistenniena biex nersqu lejha, ħalli hija tgħallimna u teħodna għand binha Ġesù.



# Biex nibdew il-presbiterju jonqosna niġbru Lm19,000

***Kull għajnuna tgħodd***


# SAULUS

*Religious Articles*



**Statwi fl-injam ta' kull qaddis, u mizuri differenti**

**282 A, St. Paul's Str., Valletta.**

**Mob: 7943 0027**

# City Pet Shop



**Tropical Fish**

**Pet & Garden Supplies**



93, Merchants Street, Valletta

Tel: 2123 6456

(Opposite Saint Dominic Church)